MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 112/2013

**A B**

**vs**

**(1) C D Karta ta' I-Identita Numru 682451 M**
**(2) Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-attrici twieldet nhar it-8 ta' Mejju 1974;

Illi ghalkemm fic-Certifikat tat-Twelid missier l-attrici huwa indikat bhala "unknown" ossia "mhux maghruf", il-minuri giet koncepita waqt relazzjoni twila illi omm l-istess attrici, Q F kellha ma l-intimat C D;

Illi C D kien jikkoabita ma omm l-attrici ghal oltre sbatax-il sena u mir-relazzjoni taghhom twieldet ukoll tifla ohra, Q R S li twieldet fis-26 ta' Lulju 1970;

Illi C D kien prezenti fil-hajja ta' l-attrici mit-twelid u ghall-ewwel snin ta' hajjitha kien adirittura jikkoabita maghha u ma ommha, kif ukoll ma ohtha Q R, bint l-istess C D;

Illi C D qatt u fl-ebda mument ma cahad il-paterita, anzi, accetta l-istess stat ta' fatt u kien fattwalment jghix ma omm l-attrici, l-attrici u ohtha bhala familja;

Illi is-socjeta' kienet u ghadha konsapevoli dwar dan u huwa fatt maghruf illi l-attrici hija bint l-intimat D.  L-attrici hija maghrufa bhala bint C D;

Illi meta r-relazzjoni bejn omm l-attrici u D intemmet, D ma baqax parti mill-hajja ta' l-attrici u ta' ommha u ohtha pero' l-intimat baqa' ghal madwar sentejn imur jara lill-attrici lil ommha u lil ohtha kull gimgha;

Illi D sussegwentement kellu relazzjonijiet ohrajn u sahansitra izzewweg u kellu t-tfal minghand persuna ohra li ghadu maghha sa llum – Q D, kien meta zzewweg illi inqata il-kuntatt;

Illi ghalkemm l-attrici sejhet lill-intimat D sabiex jirrikonoxxiha bhala bintu

naturali permezz ta' ittra legali datata 23 ta April 2013 u ittra ufficjali sussegwentement intavolata, huwa baqa' inadempjenti;

Talbet filwaqt li taghmel riferenza ghas-suespost li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi C D huwa l-missier naturali ta' l-istess attrici A B nee' F, okkorendo bl-opera ta' esperti u mezzi xjentifici;
2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid ta' A B nee F, billi fil-kolonni fejn hemm indikat il-konnottati relattivi ghal missier il-minuri, jigu kkancellati l-kliem, "Unknown Father" mill-kolonna ta' l-"Isem u Kunjom Missier it-tarbija" u jigu sostitwiti bil-kliem "C D" u l-konnotati kollha tieghu;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li in forza taghha huwa eccepixxa;

1. Illi l-esponenti jichad li huwa kellu relazzjoni serja ma omm l-attrici u fil-fatt meta bdiet ir-relazzjoni huwa kien ghadu guvni ta' sittax il-sena minorenni filwaqt li omm l-attrici kienet diga maggorenni u diga kellha tifla minn relazzjoni ohra;
2. Illi l-esponenti qatt ma kellu r-residenza tieghu f'dik ta' omm l-attrici u dan il-fatt jista jigi ikkonfermat kemm mir-registru elettorali u kemm mill-karta tal-identita tal-intimat;
3. Illi l-esponenti qatt ma kellu ghalfejn jichad jew jaccetta il-paternita ghax din il-kwistjoni qatt ma qamet qabel ircieva ittra f'April ta' din is-sena u meta gie notifikat b'dan ir-rikors guramentat u fil-fatt huwa stramb kif din il-kwistjoni qamet issa meta l-attrici ghandha disgha u tletin sena u huwa lahaq l-eta tal-penzjoni;
4. Illi l-esponenti iltaqa mal-mara li ghandu illum, cioe Q D fis-sena 1978 u fil-fatt izzewweg lil Q D disa' snin wara fis-sena 1987 u llum ghandu zewgt itfal maggorenni;

5. Illi l-esponenti jichad li qatt kellu xi kuntatt mal-attrici f'dawn l-ahhar hamsa u tletin sena;
6. Illi l-gudizzju mhuwiex integru a bazi tal-artiklu 86A peress li omm il-wild imwieled barra miz-zwieg mhijiex parti fil-kawza biex tigi stabbilita il-paternita;
7. Illi l-esponenti qieghed jikkontesta t-talbiet attrici u m'ghandux ibati l-ebda spejjez f'din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-esponenti umilment jitlob lil din l-Qorti jogobha tichad it-talbiet attrici li minn issa hija ngunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernati sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara għall-premess f'każ li tintlaqa' l-ewwel t-talba attriċi l-esponent jinvita lill-intimat C D sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-età tiegħu meta twieldet l-attrici(2) il-post tat-twelid tiegħu, (3) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-attrici, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet l-attrici. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita attrici;

3. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent m’hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir tal-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew ezebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici fejn qieghda tikkontendi li hija l-frott tar-relazzjoni twila li kellha ommha mal-intimat C D. Tikkontendi li minkejja li dan huwa stat ta’ fatt maghruf, ic-certifikat tat-twelid taghha jindika missier mhux maghruf u ghalhekk qed titlob li l-intimat jigi dikjarat missierha u jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid taghha.

**__Il-Verzjoni tar-Rikorrenti__**

Permezz tal-affidavit taghha[1] r-rikorrenti tissottometti li minn mindu kienet zghira dejjem ghexet bhala bint l-intimat C D. Ommha dejjem qaltilha li l-istess intimat huwa missierha u qatt ma kien hemm xi dubju dwar dan, tant li sahansitra l-istess attrici kienet tghix taht l-istess saqaf mal-intimat, ommha u ohtha bhala familja. Tghid ukoll li minkejja dan l-istess intimat dejjem ipprefera lil ohtha R. Tispjega li wara li spiccat ir-relazzjoni li kellu ma' ommha, baqa' jmur jarhom darba fil-gimgha izda meta zzewweg lill-mara li ghandu prezentement dan il-kuntatt waqaf, ghalkemm meta kienu jiltaqghu barra kienu jitkellmu. Taghti dettalji dwar kif kien fatt maghruf li hija l-wild naturali tal-istess intimat u taghlaq billi tghid li hija weggha kbira ghaliha li c-certifikat tat-twelid taghha ma jikkombacix mal-verita'.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li hija l-wild naturali tal-intimat C D u konsegwentement tipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati f'Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet pruvata.

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku esebit in atti gie kkonfermat li l-intimat C D huwa l-missier naturali tal-attrici. B'hekk, permezz tal-istess test, jirrizulta bl-aktar mod car li r-rikorrenti rnexxielha tipprova bl-aktar mod assolut li hija l-wild naturali tal-intimat. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li kienet biss l-attrici li ressqet ix-xiehda taghha permezz tal-affidavit flimkien max-xiehda ta' Q R S u ommha Q F li kollha kkorraboraw il-fatti hekk kif deskritti mill-attrici. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem il-Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-attrici hija l-wild naturali tal-intimat C D.

[1] Esebit a fol 40 tal-process

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk l-attrici rnexxilhiex taghti prova sal-livell rikjest mill-ligi li c-certifikat tal-minuri ma jirriflettix il-verita u konsegwentement, rnexxilhiex tissorpassa u teghleb il-presuzjonijiet legali relatati mal-istess mertu. Ghal dak li jirrigwarda l-presunzjonijiet legali, l-Qorti terga' taghmel referenza ghall-aqwa prova li fil-fatt giet esebita in atti u cioe' d-DNA test li huwa meqjus bhala l-prova regina f'dawn it-tip ta' kawzi u ghaldaqstant tqis li r-rikorrenti rnexxielha teghleb il-presunzjonijiet legali kollha u pruvat sal-grad rikjest mill-ligi t-talbiet taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tiddikjara li l-intimat C D huwa l-missier naturali tal-attrici A B nee' F;
(2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa l-korrezzjoni fic-certifikat tat-Twelid taghha bin-numru progressiv 2701/1974 b'dan illi l-kliem 'missier mhux maghruf' ghandhom jigu mhassra minn fuq l-istess certifikat u minflok jigu sostitwiti bid-dettalji tal-intimat C D bil-karta tal-identita' 682451M, post tar-residenza fiz-zmien li twieldet l-attrici kien Rahal Gdid, iben Giuseppi D li fiz-zmien it-twelid tal-istess attrici kien haj.

Bl-ispejjez kontra l-intimat C D.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------